# il-Gżejjer

IS-SEBA' SENA | AWISSU 1978 | NRU. 84




## MERĦBA LID-DEPUTAT PRIM MINISTRU TAR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA

L-Eċċellenza Tiegħu Keng Piao, Deputat Prim Ministru tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, u d-Delegazzjoni Tiegħu waslu Malta s-Sibt 28 ta' Lulju għal żjara uffiċjali ta' ħamest ijiem.

# Iż-Żjara tad-Deputat Prim Ministru Ċiniż



*Mr Keng Piao ġie milqugħ mis-Sinjorina Agatha Barbara, Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura.*

**L-Eċċellenza Tiegħu ġie milqugħ mill-Onor. Agatha Barbara, Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, Ministri oħra u Uffiċjali Għolja tal-Gvern.**

**Iż-żjara tad-Deputat Prim Ministru Keng Piao hija waħda storika għaliex hija l-ewwel waħda li qatt saret minn uffiċjal għoli Ċiniż f'pajjiżna.**



*L-Eċċellenza Tiegħu ltaqa' mal-President tar-Repubblika Anton Buttigieg u mad-Deputat Prim Ministru Malti l-Onor. J. Cassar.*

**Mr Keng Piao ltaqa' mal-President tar-Repubblika, Dr Anton Buttigieg, u mad-Deputat Prim Ministru Malti l-Onor. J. Cassar. Huwa kellu laqgħa wkoll ma' li Speaker tal-Kamra tad-Deputati s-Sur Kalċidon Agius.**

**Matul iż-żjara tiegħu hawn Malta, Mr Keng Piao kellu taħditiet mal-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff u żar postijiet ta' nteress storiku, it-Tarzna u anke ra x-xogħol avvanzat li sar fuq il-baċir ir-Red China Dock.**

**Mr Keng Piao żar ukoll lill-Għawdex fejn kien akkumpanjat mill-membri tad-Delegazzjoni Tiegħu, mill-Ministru s-Sur Lorry Sant, mill-Ambaxxatur ta' Malta għaċ-Ċina s-Sur Joe L. Forace, u mill-Ambaxxatur taċ-Ċina għal Malta Mr Cheng Chih-Ping.**



Ta min ifakkar, li r-relazzjonijiet bejn Malta u ċ-Ċina twaqqfu fuq saqajhom meta fl-1972 l-Prim Ministru Malti żar dan il-pajjiż. Minn dak in-nhar 'l hawn, permezz ta' djalogu, kibru relazzjonijiet mill-aqwa li Malta qatt kellha ma' pajjiż barrani.

L-għajnuna li r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina tat lil Malta hija finanzjarja, teknika, kummerċjali u anke morali. Hija għajnuna ta' bejn ħbieb veri. Il-poplu Malti huwa grat għal dak li għamel għalih il-poplu Ċiniż u kburi li għandu lilhom ħbieb tiegħu.



*Mr Keng Piao żar ix-xogħol avanzat fir-Red China Dock.*

# IL-PRESIDENT JATTENDI GĦALL-FUNERAL TAL-PAPA



**Il-President Buttigieg (fin-nofs) mal-wasla tiegħu minn Ruma.**

**Il-President ta' Malta Dr Anton Buttigieg, nhar it-Tnejn 14 ta' Awissu ġie lura minn Ruma fejn attenda għall-funeral tal-Papa Pawlu VI. Kemm dam Ruma l-President kien akkumpanjat mis-segretarju tal-Prim Ministru s-Sur Salvino Demarco u l-Ambaxxatur ta' Malta għall-Vatikan Dr Pawlu Farrugia.**

## KIF TIKTEB KWANTITAJIET METRIĊI

(Ikompli mal-ħarġa ta' Ġunju)

**5. NUMRI KBAR**

a. Il-'comma' jew virgola m'għandhiex tintuża biex tifred gruppi ta' tliet figuri; minflok jitħalla 'space' bejn kull grupp.*

b. Fejn hemm numri ta' erba' figuri biss, wieħed jista', jekk irid, jiktibha bħala grupp wieħed, mingħajr 'space' bejn l-ewwel wieħed u l-aħħar tlieta. Fejn isir xogħol ta' 'tabulation' fuq it-typewriter, anke numri ta' erba' figuri għandhom jinkitbu skond ir-regola 5a.

ċ. Gruppi ta' figuri fuq naħa jew oħra tal-punt deċimali għandhom jinfirdu bli 'space', meta hu meħtieġ.

Eż:

Flok 4,720,525 ikteb 4 720 525
„ 0.52875 „ 0.528 75
„ 6,875 ikteb 6875 jew 6 875

* Din il-bidla saret peress li xi pajjiżi Ewropej jużaw il-virgola minflok il-punt deċimali.

**6. SPACING**

a. Fejn jiġi indikat qies metriku li jinkludi prefiss (eż: kilogramm, millimetru) ma jitħallhiex 'space' bejn l-ittri li jindikaw il-qies metriku.

b. Meta jitqiegħed simbolu metriku (jiġifieri l-isem imqassar) wara numru, jitħalla 'space' bejn in-numru u s-simbolu metriku.

Eż: 455 kHz 22 mg

**7. QISIEN KWADRATI EĊĊ.**

Fejn jinkitbu simboli biex jindikaw qisien kwadrati jew kubi, jinkiteb is-simbolu metriku normali (jiġifieri l-isem imqassar) imbagħad jitpoġġa n-numru 2 jew 3 'il fuq mil-linja tat-tipa.

Eż:

Flok 11-il metru kwadru ikteb 11 $m^2$.

Flok 23 ċentimetri kubi ikteb 23 $m^3$.

**8. IL-KELMA 'FI-'**

Xi qisien metriċi jinkludu l-kelma 'fi-', p.e. 'metri fis-sekonda'. Flok li tinkiteb il-kelma 'fi-' jintuża l-'oblique stroke'. Ma jistgħux jinkitbu qisien bħal k.f.s. flok 'kilometri fis-siegħa'.

Eż:

Flok 25 metru fis-sekonda ikteb 25 m/s.

Flok 50 kilometru fis-siegħa ikteb 50 km/h.

## IL-PITROLJU JINBIEGĦ BIL-LITRU

Mis-sena li qegħdin fiha, l-affarijiet likwidi se jibdew jinbiegħu bil-kejl metriku.

Wieħed minn dawn huwa l-pitrolju. Il-Kumitat ftiehem mal-Korporazzjoni Enemalta u l-General Retailers and Traders Union biex il-pitrolju jibda jinbiegħ bil-litru iżjed 'il quddiem din is-sena.

Il-bidla f'dan is-settur għandha tibda sseħħ mill-1 ta' Settembru, 1978. Minn dak in-nhar il-pitrolju jibda jinbiegħ bil-kejl metriku ta' 1, 2, 5, 10 jew 20 litru. Il-laned tal-kejl li l-bejjiegħa tal-pitrolju se jużaw se jkunu ta' l-istess għamla bħal qabel, biss sabiex jintgħarfu malajr mill-qisien il-qodma, dawn il-laned se jkunu mmarkati u jġibu l-boll skond kemm jesgħu. Kull kejl ġdid se jkollu l-boll ta' l-Ispettur tal-Kejl u Wżin skond ir-regolamenti. Ta' min jinnota li l-bejgħ tal-pitrolju bil-litru MHUX se jġib żieda fil-prezz.

Il-Kumitat diġà ħa ħsieb sabiex sew il-bejjiegħa kif ukoll il-konsumaturi jidraw il-kejl metriku u l-prezz bil-litru. Għal dan il-għan sejrin isiru taħdidiet edukattivi fuq it-TV, Radju u Cable Radio. Posters u tagħrif ieħor rigward prezzijiet u kejl metriku joħorġu qabel ma ssir din il-bidla.

Għall-konvenjenza tal-pubbliku mal-'bowsers' u fi ħwienet li jbiegħu l-pitrolju se jkun hemm ukoll tabelli li juru l-prezz bil-litru.

**Kejl ta' 5 litri li fih ftit iżjed minn gallun.**



# IT-TEATRU MANOEL

Għalkemm l-ewwel teatru f'Malta nbena fl-1731, l-storja mużikali f'pajjiżna teħodna ferm aktar lura fiż-żmien: għaliex insibu li sa mill-1630 f'Malta kienu diġa' qed jingħataw wirjiet mużikali f'diversi bereġ u postijiet oħra privati.

**Iżda fl-1732, nfetaħ l-ewwel teatru pubbliku f'Malta magħruf bħala "Teatru Publico", u aktar tard sar magħruf kif kien xieraq bħala it-teatru Manoel.**

L-ewwel ġebla ta' dan it-teatru tpoġġiet b'sollenità kbira fl-20 ta' Marzu tal-1731 mill-Gran Mastru Manoel de Vilhena, li kien ammiratur kbir ta' l-arti mużikali u li kien hu li ħareġ il-flus għall-bini ta' dan it-teatru. Ma ġenb it-teatru nbnew ukoll xi djar li kienu jservu biex jilqgħu fihom lil xi kantanti u mużiċisti li kienu jinġiebu minn barra. Fid-19 ta' Jannar ta' l-1732 saret l-apertura ta' dan it-teatru u għalkemm ħafna kotba u enċiklopediji jgħidu li l-ewwel rappreżentazzjoni kienet l-opra 'Merope' ta' Maffei fil-fatt dan hu żbaljat għaliex Maffei ma kienx kompożitur ta' l-Opri iżda drammaturgu, għalhekk jew l-ewwel rappreżentazzjoni ma kienitx Merope jew inkella jekk kienet, allura dan kien dramm.

**Id-disinn minn ġewwa ta' dan l-ewwel teatru Malti jingħad li kien jixbaħ ħafna lil dak tat-teatru ta' Palermo, u għalkemm aktar fiċ-ċokon, lil dak tat-teatru San Carlo ta' Napli. B'xorti tajba dan it-teatru għadu wieqaf sa llum il-ġurnata u għalkemm minn żmien għal żmien saru bosta tibdiliet fih, nistgħu ngħidu li t-Teatru Manoel hu wieħed mill-eqdem teatri fl-Ewropa.**



Bħala impressarju ta' dan it-teatru, il-Gran Mastru kien jaħtar kull sena wieħed mill-kavallieri tiegħu, sabiex jieħu ħsieb ir-rappreżentazzjonijiet mużikali.

Jingħad ukoll li fl-1735 wasal fostna il-kompożitur Tedesk Johann Adolph Hasse sabiex jidderieġi personalment l-Opri tiegħu "Artaserse" u "Dimetrio". Minn dak iż-żmien 'l hawn l-opra lirika rabbiet tant għeruq fost il-poplu Malti li fostna nibtu wkoll kompożituri li għamlu isem mhux biss f'pajjiżna iżda wkoll barra minn Malta bħal ngħidu aħna Isouard, Bugeja, Curmi, Nani, Malfiggiani u oħrajn.

Bil-bini tat-Teatru Rjal, il-Manoel safa' xi ftit ittraskurat u mwarrab. Iżda meta l-Irjal safa' mġarraf fi żmien l-aħħar gwerra dinjija, l-Manoel reġa' ġie restawrat u reġa' ħa postu bħala it-teatru ewlieni ta' pajjiżna.

Illum il-ġurnata fil-Manoel barra li jiġu ppreżentati serati mużikali, (li ħafna drabi jieħdu sehem fihom artisti barranin), qer jiġu ppreżentati wkoll uħud mill-aħjar talent lokali kemm fil-qasam mużikali kif ukoll fil-qasam ta' l-arti drammatika. It-teatru Manoel wara żmien ta' dekadenza, illum reġa' jinsab fl-aqwa tiegħu, u minkejja iċ-ċokon tiegħu, għandna nkunu kburin bih għaliex barra li huwa ġawhra arkitettonika, it-teatru huwa wkoll wieħed mill-eqdem teatri fl-Ewropa.

# inti u l-liġi

*Ili noqgħod f'dar bħala kerrej aktar minn erbgħin sena. Issa kien hemm min qalli li meta dar jew biċċa art tkun ilha f'idejk tletin sena, issir tiegħek. Jiena, allura, sirt sid id-dar?*

Veru li l-liġi tgħid li min jippossiedi immobbili (Bini jew art) għal 30 sena sħaħ, mingħajr interruzzjoni, jakkwista dritt ta' proprjetà fuq dak l-immobbli. Imma trid tkun ippossedejt dan l-immobbli *bħala sid* u mhux bħala kerrej. Il-fatt li inti bqajt kerrej, jiġifieri bqajt tħallas il-kera kull sena, juri li inti stess kont qed tirrikonoxxi lil xi ħadd ieħor bħala sid. Mela, ilek kemm ilek kerrej, ma tistax tgħid li b'hekk sirt is-sid.

L-istess nistgħu ngħidu għal xi drittijiet ta' servitù, bħal, per eżempju id-dritt tal-passaġġ.

Biex wieħed jakkwista dritt tal-passaġġ minn fuq art ta' ħaddieħor, irid ikun ilu jużah tletin sena, bla ħadd ma jimpedih. Jekk juża passaġġ *bil-permess*, jew, kif igħidu, bil-*buona grazia* ta' ħaddieħor, jgħaddu kemm igħaddu snin, ma jikseb qatt id-dritt tal-passaġġ, u min kien tah il-permess jista' jiċħadulu meta jrid.

* * *

*Jiena sid ta' raba', li kien imqabbel lil raġel. Issa dan ir-raġel miet. Uliedu ġew għandi bil-qbiela, u qaluli, li jekk ma nżommhiex, ipoġġuhieli l-Qorti. Jien obbligat naċċettahom bħala kerrejja flok missierhom? Ma nistax nieħu r-raba f'idejja biex naħdmu jien?*

Id-dritt tal-qbiela ma jispiċċax mal-mewt tal-gabillott. Jispiċċa mal-mewt tal-gabillot fil-każ biss li s-sid u l-gabillott ikunu għamlu patt ta' "mezzadrija", jiġifieri patt li l-frottijiet jew l-uċuħ jinqasmu bejn is-sid u l-gabillott. (Artiklu 1678 tal-Kodiċi Ċivili).

Fil-każ tiegħek, la ma kienx hemm patt bħal dan, il-kera tar-raba jaqa' fuq l-ulied.

Jekk int tkun trid ir-raba' għalik trid tagħmel rikors fil-Bord tal-Qbiela. Il-Bord jistudja l-każ. Jekk il-Bord jiddeċiedi li int tieħu lura r-raba', naturalment tkun trid tħallas lill-gabillotti tal-benefikati li jkunu se jħallu.

* * *

*Veru li dar ma tistax tinbiegħ bi prezz li hu it-tripplu ta' dak ta' meta nbniet?*

Jekk id-dar li tkun qed tinbiegħ tkun ġejja minn wirt, il-bejgħ, skond emenda riċenti tal-liġi, ma jistax isir mingħajr il-permess tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Imma din hi ħaġa li tirrigwarda biss lill-bejjiegħ u d-dmirijiet tiegħu lejn l-uffiċċju tat-Taxxi Interni. Jekk id-dar ma tkunx ġejja minn wirt, imma tkun inxtrat jew inbniet mill-bejjiegħ, m'hemmx bżonn dan il-permess.

* * *

*Jien kont tajt fond lil ħaddieħor b'ċens perpetwu. Fil-kuntratt hemm din il-klawsola: "Iċ-ċens jista' jinfeda fi kwalunkwe żmien bil-prezz ta' .........". Issa għaddew aktar minn għaxar snin minn meta sar il-kuntratt. Għadni nista' nitlob li nieħu dik is-somma tal-fidi?*

Fil-klawsola li int stess niżżiltli fl-ittra tiegħek, hemm imniżżei li l-fidi jista' jsir "fi kwalunkwe żmien". Mela, jgħaddu kemm jgħaddu snin, il-fidi jkun jista' jsir dejjem. Pero' id-dritt tal-fidi hu taċ-ċenswalist, u mhux tiegħek. Iċ-ċenswalist jista' *meta jrid,* jitlob li ċ-ċens jiġi mifdi b'dik is-somma; jiġifieri jagħtik dik is-somma mbagħad il-fond ikun proprjetà tiegħu libera u franka minn kull ċens. Inti ma tistax tobbligah li jifdi, jew, biex nużaw kelma oħra, jirredimi ċ-ċens. Sakemm iħallas iċ-ċens, ma tistax tkellmu.

* * *

*Jien għandi garaxx tal-familja. Krejtu lil wieħed biex idaħħal karozza tal-linja. Nista' nieħu l-garaxx lura?*

Garaxx, sakemm mhux użat għal skopijiet kummerċjali, is-sid jista' jieħdu lura dejjem. Ġie li nqala id-dubju, fil-qrati, jekk sid ta' garaxx użat għal karozza tal-linja jistax jieħdu lura jew le.

F'sentenza tad-disa' ta' Jannar 1978, il-Bord tal-Kera iddikjara li garaxx użat għal karozza tal-linja hu "ħanut", jiġifieri fond kummerċjali; u għalhekk is-sid ma' jistax jieħdu lura meta jrid hu. Fl-istess sentenza hemm imsemmijin żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Appell, waħda tas-17 ta' Mejju, 1963, u l-oħra tal-20 ta' April, 1964.

* * *

*Jiena għamilt żmien norqod ma' zija, għax kienet weħidha. Issa din iz-zija mietet, u d-dar tagħha waqgħet b'wirt fuq ħutha u fuq it-tfal ta' ħutha mejtin. Jien għandi sehem minn din id-dar bħala waħda minn dawn ta' l-aħħar?*

*Il-werrieta l-oħra għandhom dritt ikeċċuni? Jien għandi xi dritt għall-ħlas talli kont norqod fid-dar taz-zija peress li din qatt ma tatni xejn? Jistgħu il-werrieta l-oħra jġibu d-dar fis-subasta?*

Ftakar li inti kont *torqod* biss, fid-dar taz-zija. Kieku inti kont *toqgħod* hemm għal kollox, u kont tħallas il-kera, kont tkun f'pożizzjoni aħjar, għax kont tkun kerrejja u komproprjetarja fl-istess ħin. Imma kif int, inti m'għandek ebda dritt ta' proprjetà aktar mill-oħrajn; u jekk id-dar tinbiegħ bis-subasta (jiġifieri tinbiegħ taħt l-awtorità tal-Qorti), min jixtriha ikun jista' jibgħatek, għax inti tkun tlift kull dritt fuq id-dar, peress li kien hemm il-bejgħ bis-subasta.

L-uniku dritt li għandek hu li tfittex lill-werrieta għas-serviġi.

# KOPERAZZJONI MEDIKA MAL-BELĠJU

**BIS-SAĦĦA TA' FTEHIM ĠDID BEJN MALTA U L-BELĠJU, STUDENTI MALTIN TAL-MEDIĊINA ISSA JKUNU JISTGĦU JISTUDJAW FIL-BELĠJU.**

Il-Belġju qed joffri ċ-ċentri sofistikati ta' riċerka medika li għandu għal studenti Maltin li jkunu jridu jkomplu l-istudji tagħhom wara li jkunu ħadu l-lawrija. Il-Belġju lest ukoll li jibgħat l-ispeċjalisti tiegħu biex jiġu jaħdmu fl-isptarijiet tal-Gvern ta' Malta.

**Dawn huma l-elementi ewlenin li jinsabu fi ftehim ta' koperazzjoni li ġie iffirmat nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Awissu bejn il-Gvern ta' Malta u dak tal-Belġju fil-qasam tal-mediċina. Il-ftehim fih elementi oħra li jolqtu l-koperazzjoni fit-tħaris ta' l-ambjent u fit-tagħlim tal-mediċina.**

Dwar il-ftehim tkellmu l-Ministru tas-Saħħa u ta' l-Ambjent Dr V. Moran u l-Professur S. Halter, Segretarju Ġenerali fil-Ministeru tas-Saħħa Pubblika u l-Ippjanar tal-Familja tal-Belġju.

**Dr Moran qal li dan il-ftehim huwa wieħed reċiproku. Huwa ftehim storiku minħabba li sal-lum, tobba Maltin kienu qed imorru jkomplu l-istudji tagħhom kważi l-Ingilterra biss. Issa jistgħu jmorru wkoll il-Belġju.**

Dan jgħodd ukoll għall-pazjenti Maltin li jkollhom bżonn ta' kura speċjalizzata li f'Malta m'hawnx bħala. Qabel, dawn il-pazjenti kienu jmorru għall-kura fl-Ingilterra u issa l-Belġju se joffri l-istess servizz.

**Dwar dik li hija riċerka fil-qasam mediku, Dr Moran qal li Malta ma jista' jkollha qatt ċentru ta' riċerka attrezzat biżżejjed biex jikkompara ma' dawk ta' pajjiżi oħra u dan għaliex, biex ikollok ċentru bħal dan, irid ikollok ħafna flus u anke trid popolazzjoni u territorju kbir biżżejjed.**



*Il-Ministru Moran u l-Prof. S. Halter waqt l-iffirmar tal-ftehim.*

Dr Moran iżżiħajr lill-Gvern Belġjan għal dan il-ftehim u b'mod speċjali lill-Professur Halter.

**Il-Professur Halter qal li l-Belġju, bħala membru tal-Kommunità Ewropeja, jieħu sehem fl-ippjanar tal-programm ta' riċerka u anke jibbenefika minn dan il-programm.**

Huwa qal li l-Belġju huwa pajjiż attrezzat għar-riċerka u dan minħabba l-fatt li f'dan il-pajjiż jeżistu tmien universitajiet, kollha biċ-ċentru ta' riċerka tagħhom. Il-Belġju għandu ċentru magħruf dwar il-kanċer u dwar il-patoloġija ċellulari. F'dan ta' l-aħħar hemm jaħdem ir-rebbieħ tal-Premju Nobel, De Duve. Hu qal li f'Malta jistgħu jiġu mwaqqfa ċentri ta' din il-branka mportanti.

**Il-Professur Halter temm jgħid li b'dan il-ftehim hemm il-ħsieb li jiġu Malta ġemgħat ta' speċjalisti biex iwettqu riċerka tagħhom peress li hawn jeżistu ċerti kondizzjonijiet partikulari f'ċerti mard.**

Preżenti għall-iffirmar kien hemm ukoll uffiċjali mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin taż-żewġ pajjiżi.

## ĦIDMA TAL-GVERN FL-EDUKAZZJONI TAT-TFAL

# IĊ-ĊENTRI TAS-SAJF

***RIKREAZZJONI U XOGĦOL VOLUNTIER GĦAT-TFAL TAGĦNA SABIEX DAWN JITILGĦU ĊITTADINI AĦJAR U RESPONSABBLI.***



**Prattika fis-sengħa tal-woodwork, arkett . . . .**



**Jiġu organizzati bosta 'water sports'.**

Iċ-Ċentri tas-Sajf imnedija mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni reġgħu infetħu f'bosta skejjel f'Malta u Għawdex. L-awtoritajiet edukattivi ħasbu biex ikomplu jiżviluppaw din l-iskema u jgħollu l-livell ta' dawn iċ-ċentri. Għall-ewwel darba, din is-sena ċ-ċentri ngħataw xejra ta' speċjalizzazzjoni billi l-attivitajiet li qed isiru ġew speċifikati.

**Permezz ta' din il-bidla essenzjali, iż-żgħażagħ Maltin ingħataw l-opportunità li jiksbu esperjenza f'bosta oqsma bħalma huma t-tagħlim tas-snajja', l-isport u taħriġ kulturali. L-iskop edukattiv issa qed jingħaqad ma' dak ta' divertiment b'tali mod li l-istudenti jkunu qed jitgħallmu filwaqt li jkunu qed jipparteċipaw f'attivitajiet rikreattivi fil-ħin ta' mistrieħ tagħhom.**

Hemm b'kollox madwar erbgħin ċentru tas-sajf imferrxin fi skejjel sekondarji f'Malta u Għawdex. Tħejja programm varjat ta' attivitajiet li jistgħu jiġu kklassifikati hekk:

i. **dawk li huma esklussivament għas-subien bħalma huwa prattika fis-sengħa tal-woodwork u arkett.**

ii. **dawk li huma esklussivament għall-bniet bħalma huwa prattika fis-sengħa tal-ħjata, crochet u knitting.**

iii. **dawk li huma għas-subien u għall-bniet li jinkludu tpinġija, drawing, painting.**

iv. **Sports li jinkludi volleyball, badminton, judo, table-tennis, u gymnastics.**

Qed jiġu organizzati bosta water sports. Twaqqfu ċentri apposta fil-'waterpolo pitches' tal-Belt, ta' Birżebbuġa, u tan-Neptunes f'San Ġiljan, fejn tfal minn diversi postijiet, jittieħdu mill-għalliema tagħhom biex jagħmlu l-attivitajiet bħalma huma sailing, swimming u life-saving F'kull speċjalità hemm għalliem li huwa kwalifikat u entużjażmat f'dik il-ħaġa.

Fil-qasam tal-kultura, il-Ministru ħaseb biex iwaqqaf klassijiet tad-drama fl-iskola sekondarja għolja tal-Belt. Qed isiru wkoll sezzjonijiet ta' tagħlim fil-mużika fl-iskola tal-Mużika, Johann Straus il-Belt. Għal dawk iż-żgħażagħ li għandhom għal qalbhom iż-żfin jistgħu jieħdu sehem fil-lezzjonijiet taż-żfin stil 'country' jew 'folk' li qed isiru fi skejjel sekondarji.

**Barra l-Clubs tas-Sajf, il-Ministeru qiegħed jorganizza wkoll kampijiet tas-sajf fl-iskejjel ta' San Pawl il-Baħar, ta' Wied il-Għajn u ta' M'Xlokk. Kull kamp li ser ikun ta' ħamest ijiem ser jikkonsisti minn grupp ta' tletin student. Dawn ser jiġu akkumpanjati minn żewġ għalliema.**

Studenti qed jiġu mħajjra biex jattendu u jagħtu daqqa t'id biex jaħdmu fil-kamp u jgħinu f'xi xogħol ġewwa l-iskola bħalma hija tisqija ta' siġar, u pjanti u tiswija fl-iskola. B'kollox saru u qed isiru seba' kampijiet — tnejn fix-xahar ta' Lulju, erba' fix-xahar ta' Awissu u wieħed f'Settembru. Il-Youth Service Organisation tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni ħejja programm twil ta' attivitajiet u logħob għal dawk l-istudenti li jipparteċipaw f'dawn il-kampijiet.



**Sports ta' kull xorta li jinkludi t-'table tennis'.**



**Attivitajiet li jinkludu l-'life saving'.**



**Sezzjonijiet ta' tagħlim fil-mużika fl-Iskola tal-Mużika, l-Belt.**



**Sports li jinkludi wkoll il-'gymnastics'.**

# SPORTS

## WATERPOLO GĦAT-TFAJLIET





**Il-Ministru ta' li Sport is-Sur Lorry Sant fetaħ il-logħob tal-Waterpolo għat-tfajliet organizzat mill-Ministeru.**

Għat-tieni sena l-Ministeru ta' l-Isport reġa' organizza league u knock-out tal-waterpolo għat-tfajliet. Il-league fetaħ il-Ħadd, 23 ta' Ġunju fil-pitch ta' Birżebbuġa. B'kollox qegħdin jieħdu sehem sitt timijiet, bis-Sirens ifittxu li jirrepetu s-suċċess tas-sena l-oħra meta kienu kisbu double. It-timijiet l-oħra huma, San Ġiljan, Birżebbuġa / Marsaskala, Valletta, Sliema u Neptunes. Dawn ġew kollha ippreżentati lill-Ministru s-Sur Lorry Sant.

Iċ-Champions Sirens kellhom bidu tajjeb meta għelbu lil Valletta 7-1 fil-logħba tal-ftuħ tal-League. Fil-logħba l-oħra San Ġiljan rebħu lit-tim magħqud ta' Birżebbuġa / Marsaskala 11-0.

F'diskors qasir li għamel, il-Ministru is-Sur Sant qal li għall-ġid ta' li Sports lokali u internazzjonali huwa kien lest li jaħdem ma' kulħadd. Huwa qal li kien b'dan il-għan li twaqqaf il-Ministeru ta' l-Isports. Għalhekk il-Ministeru dejjem fittex li jgħin lil dawk li riedu jaħdmu miegħu biex jirranġaw l-isports kemm f'Malta u kemm f'Għawdex.

## COACHING TAL-FOOTBALL

Biex ikompli jkabbar il-logħba tal-football fost it-tfal Maltin, il-Ministeru ta' li Sport, organizza kors tal-'coaching' immexxi minn Jimmy Sirrel u John Jarman.

**Il-kors tal-'coaching' fiċ-Ċentru Sportiv, il-Marsa, ġie fit-tmiem tiegħu il-Ġimgħa, 7 ta' Lulju, meta John Jarman, li mexxa t-tieni parti ta' dan il-kors ta esebizzjoni permezz tat-tfal li tħarrġu fiċ-Ċentru u li kellhom sehem kbir fis-suċċess tal-kors.**

L-esibizzjoni kienet tikkonsisti f'diversi eżerċizzi li ġew mgħallma lit-tfal matul il-kors. L-esibizzjoni attendew għaliha ġenituri tat-tfal u anke l-pubbliku ġenerali.

Matul l-aħħar ġimgħa tal-kors, saru testijiet lill-'coaches' prospettivi sabiex jiġi assessjat il-potnezjal tagħhom f'taħriġ lit-tfal fil-logħba tal-football.

**Mingħajr l-ebda dubju dan il-kors, li kien beda fit-12 ta' Ġunju li għadda, kien wieħed mill-aktar ambizzjużi li qatt ġew organizzati.**

Fl-ewwel parti tal-kors, Jimmy Sirrel, il-Manager ta' Notts. County kien għamel użu prattiku minn players ta' esperjenza biex ifisser lill-'coaches' prospettivi b'mod tattiku ta' kif wieħed għandu jittakilja sitwazzjonijiet li jinħolqu waqt logħba football, tattiċi li l-'coaches' jiltaqgħu magħhom anke fl-ogħla livell tal-logħba

John Jarman, Youth Development Officer u 'coach' ma' Wolverhampton Wanderers, mexxa t-tieni parti tal-kors bl-għan prinċipali li juri lill-coaches prospettivi l-arti ta' kif wieħed għandu jgħallem il-kapaċitajiet bażiċi tal-logħba lil players żgħażagħ.

F'din it-tieni parti tal-kors ħadu sehem tfal li qed jitħarrġu fiċ-Ċentru Sportiv, il-Marsa.

# KUMPLESS TA' LOGĦOB GĦAT-TFAL FIL-KALKARA

Il-Ministru tax-Xogħliiet u Sport is-Sur Lorry Sant nhar il-Ħadd 2 ta' Lulju inawgura uffiċjalment kumpless ta' logħob għat-tfal fix-Xatt tal-Kalkara qalb folla ta' nies li attendiet għall-okkażżjoni. Huwa kixef ukoll lapida li tfakkar dak il-jum.

Fid-diskors tiegħu, il-Ministru Sant qal li l-ġenituri tat-tfal Kalkariżi kienu ilhom żmien twil jistennew li xi darba fil-lokal ikollhom ukoll kumpless bħal dan għar-rikreazzjoni ta' uliedhom.

Is-Sur Sant qal li l-Gvern ħoloq għadd kbir ta' kumplessi tal-logħob tat-tfal f'diversi rħula u issa kien imiss li jinfetaħ dak tal-Kalkara.

Ta min ifakkar li barra dan il-kumpless, il-Gvern diġà għamel 'pitch' tal-boċċi u dalwaqt se jitlesta x-xogħol fuq il-proġett tal-'ground' tal-'football' fil-Kalkara wkoll.

B'hekk, kompla l-Ministru, n-nies kollha tal-lokal ikollhom il-post tagħhom fejn jirrekrejaw ruħhom f'ambjent adattat.

Il-Ministru temm jgħid li hija l-politika tal-gvern li joħloq proġetti kbar bħal dawn biex it-tfal u żgħażagħ jitbegħdu minn lokalitajiet li jistgħu jħassrulhom il-karattru tagħhom.

Fil-Kalkara saru għadd kbir ta' proġetti ta' toroq, u bħalissa qed jinbnew fabbriki ġodda fir-Rikażli u Wied Għammieq.

# IL-MINISTERU TAX-XOGĦLIJIET U SPORT ORGANIZZA DIVERSI KOMPETIZZJONIJIET SPORTIVI

## *Kif Intrebħu l-Unuri fil-Kompetizzjonijiet Organizzati*

**Is-Sezzjoni Sport tal-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport matul l-istaġun li ntemm dan l-aħħar organizzat diversi kompetizzjonijiet sportivi kemm tal-football kif ukoll ta' sport ieħor bħan-netball u d-darts, flimkien ma' tournament internazzjonali tal-football għall-Forzi Armati.**

Ir-rebbieħa kollha ta' dawn l-attivitajiet huma:—

**TOURNAMENT MILITARI TAL-FOOTBALL**

1. Italja
2. Franza
3. Libja
4. Malta

**FOOTBALL GĦAL KULĦADD (Kbar)**

1. Ħamrun CBB
2. Wrangler
3. Bronze SC
4. Gozo XI

**FOOTBALL GĦAL KULĦADD (U/16)**

1. Valletta St Paul's
2. Ħamrun Liberty
3. Żabbar Irish
4. Mosta Gunners

**FOOTBALL GĦAL KULĦADD (Tfajliet)**

1. Cressi Girls
2. Red Devils
3. Adus Balzan
4. Brigata Laburista Birgu

**NETBALL GĦAL KULĦADD**

1. Ta' Xbiex ASC
2. Education
3. Qormi Blues
4. Teachers

**DARTS GĦAL KULĦADD**

1. The Aces
2. Coxswain's Cabin
3. ZPCC
4. MLP M'Xlokk

# IT-TURIŻMU U DRAWWIETNA

Is-suċċess kbir li qiegħda tikseb Malta fl-industrija tat-turiżmu huwa xi ħaġa magħrufa minn kulħadd, saħansitra mill-barranin li llum iqisu gżiritna bħala ċentru importanti tal-btala fil-Mediterran.

Hekk, waqt li Malta qiegħda toqrob lejn is-siegħa meta tkun ħielsa tassew, din l-industrija qed tippompja fil-kaxxa tan-nazzjon miljuni kbar ta' flus biex tissaħħaħ l-ekonomija tal-pajjiż u b'hekk inħarsu lejn il-ġejjieni ta' ħelsien b'fiduċja u għaqal li jixraq lil kull nazzjon li jemmen fil-ħila u l-ħeġġa tiegħu.

**Fil-waqt li nifirħu b'din il-mewġa ta' progress fl-aspett turistiku ta' pajjiżna — imsieħba minn progress xejn anqas sinjifikanti fl-industrijalizzazzjoni — tajjeb li niftakru wkoll xi ftit fil-perikli li jeżistu għalina bħala poplu bid-drawwiet u l-karatteristiċi tiegħu.**

Għalkemm Malta dejjem kienet kolonja ta' xi qawwa barranija li għamlet minn kollox biex tħalli, u ħalliet, it-timbru tagħha fuqna u fuq artna, xorta waħda l-poplu Malti għaraf igħożż id-drawwiet tiegħu u jħarishom minn influwenzi barranin li setgħu jnawruhom qajl qajl.

**Il-poplu Malti dara wkoll igħożż u jħares il-wirt nazzjonali tiegħu għax b'hekk biss jista' jissokta jżomm l-identità tiegħu bħala nazzjon ħieles. B'danakollu l-perikli ma jonqsu qatt.**

Nistgħu ngħidu li -turiżmu f'Malta sal-lum għen u mhux dgħajjef id-drawwiet tagħna. Ngħidu aħna sirna napprezzaw aktar dawk l-avvenimenti li sa ftit snin ilu konna noħduhom b'ċerta togħma ta' rutina: il-festi fl-ibliet u l-irħula, l-Ġimgħa l-Kbira, l-Irxort, Ir-Regatta Nazzjonali u oħrajn.

**Bdejna napprezzaw aktar dak kollu li jagħżilna bħala Maltin għax fil-Gvern sibna l-akbar għajnuna u inkoraġġiment biex nagħmlu dan. L-Ilsien Malti, forsi l-akbar wirt nazzjonali li għandna u li ġenerazzjonijiet ta' qabilna tant tawh bis-sieq biex jaqdu lill-barrani, daħal saħansitra fid-dinja tal-kummerċ. Bdejna naraw stabbilimenti ta' l-ikel u tat-turisti, lukandi u ħwienet jingħataw ismijiet bil-Malti.**

Din il-kuxjenza daħlet ukoll fid-drawwiet ta' xejra dinjija bħall-kartolini tal-Milied, għeluq-is-snin u Jum l-Omm. Hawnhekk ukoll rajna l-kartolini jsiru bil-Malti bħalma ġara fil-każ ta' stediniet għal tiġijiet jew okkażjonijiet soċjali oħra.

**Iġifieri, it-Turiżmu għalina l-Maltin s'issa fisser ukoll ġid morali. Intbaħna li ħaddieħor isib x'japprezza fina u fhimna kemm**



*Merħba lit-Turisti.*

**konna sejrin imqarrqin li nħallu drawwietna u wirt artna jmutu mewta siekta.**

Wirt nazzjonali ieħor li t-turiżmu għen biex reġa' ta l-ħajja huwa l-Karrozzin. Illum id-dehra ta' karrozzin imballat bit-turisti jduru s-swar u l-inħawi tal-Belt u l-Imdina saret waħda komuni. Dan fejn jidħol l-ivvjaġġar fuq l-art.

Id-dgħajsa Maltija, b'danakollu, messha destin ieħor. Għalkemm l-inħawi tal-Port il-Kbir għadek issib xi dgħajsa titlajja 'l hawn u 'l hinn, jidher li dan il-mezz ta' vjaġġar fuq il-baħar ikħal tagħna għadu ma ġiex sfruttat b'mod li jwassal għall-qawmien mill-ġdid tal-barklor Malti u d-dgħajsa tiegħu.

**Tkun ħaġa sabiħa kieku l-lukandi Maltin, speċjalment dawk ta' mal-baħar, jieħdu l-inizjattiva biex joffru lit-turisti vjaġġi bid-dgħajsa. Aħna ċerti li jkunu ħafna dawk il-barranin li jippreferu d-dgħajsa minflok lanċa kbira titwieżen b'folla ta' nies fuqha.**

Il-Gvern preżenti ma naqasx li jagħti sehmu u kien proprju bl-inizjattiva tiegħu li għadd ġmielu ta' barklora Maltin ingħataw għajnuna finanzjarja. Jonqos biss li jinħolqu aktar opportunitajiet fi żmien meta d-dgħajsa tista' tkun attrazzjoni akbar għall-eluf ta' turisti li qegħdin iżuruna sena wara sena.

**Dawn it-turisti, m'għandniex xi ngħidu, jġibu magħhom ukoll drawwiet ġodda għalina. B'danakollu rridu nifhmu li qabel naċċettaw id-drawwiet ma nagħmlux hekk b'dannu għal tagħna.**

Huwa proprju għalhekk li nħossu l-ħtieġa li niktbu din it-twissija, sabiex fid-dagħdiha ta' progress li ninsabu fiha ma nwarrbux dak li hu tagħna biex qajl qajl nitilfu dak li wara kollox jagħżilna minn ġnus oħra.

# KORSIJIET TEKNIĊI – 1978/79

**KORSIJIET TEKNIĊI — 1978/79**

Is-Segretarju tas-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ jirċievi applikazzjonijiet għad-dħul fil-korsijiet li s-Soċjetà ser torganizza mix-xahar ta' Ottubru li ġej sax-xahar ta' Ġunju, 1979.

**KORSIJIET GĦAN-NISA JEW TFAJLIET**

**Filgħodu, wara Nofsinhar u Filgħaxija** — Tifsil u Ħjata, bl-Iskwerra jew bis-'centimetre tape'.

**Filgħodu jew wara Nofsinhar** — Xogħol ta' l-Idejn, xogħol tal-Ganġ, Rakkmu, Rakkmu tad-Deheb, Kpiepel, Bizzilla ta' Malta u Fashion Design għan-Nisa.

**KORSIJIET GĦAT-TFAJLIET U ĠUVINTUR**

**Filgħaxija** — Tifsil u Ħjata, Fashion Design għan-Nisa, Arti-Disinn, Daqq tal-Vjolin, Daqq tal-Kitarra, Teorija tal-Mużika u Filugranu. Sejjer isir Kors speċjali tal-Ħjata għall-konvenjenza tan-Nisa Miżżewġa — filgħodu jew wara nofsinnhar, skond it-talba.

Formoli għad-dħul jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tas-Soċjetà, Palazzo De La Salle, 219 Triq ir-Repubblika, Valletta bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. mit-Tnejn sal-Ġimgħa. L-applikazzjonijiet jagħlqu nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Settembru. Għal kull tagħrif ieħor wieħed għandu jmur fl-istess uffiċċju. Tel. 624339.

# Preferenza lill-Inkapaċitati li jattendu ċ-Ċentru f'Korradino

Il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, is-Sinjorina Agatha Barbara dan l-aħħar ipprezentat somma flus lill-inkapaċitati li jattendu ċ-Ċentru tar-Rijabilitazzjoni f'Korradino. Dawn il-flus inġabru minn bejgħ ta' oġġetti magħmula mill-inkapaċitati infushom.

**Il-Ministru Barbara li ġiet milqugħa minn Lady Mamo, Chairman tal-Fond għar-Rijabilitazzjoni, faħħret ix-xogħol ta' fejda li qiegħed isir mill-membri taċ-Ċentru sew f'dik li hija rijabilitazzjoni kif ukoll f'dak sportiv, rekrejattiv u kulturali. Il-Ministru Barbara ħabbret li fejn ikun hemm post ta' impjieg addattat għall-inkapaċitati, l-ewwel preferenza tmur għall-membri li jattendu ċ-Ċentru.**

Preżenti għal din iċ-ċerimonja kien hemm ukoll Mrs. A. Hyzler, is-Sur E. Tonna u s-Sur Alfred Zammit Montebello, l-uffiċjal inkarigat mit-Taqsima tal-Welfare fil-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura.

# Tagħrif mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali

**Għal kull tagħrif dwar Servizzi Soċjali, wieħed jista' iċempel direttament fuq wieħed minn dawn in-numri matul il-ħinijiet tax-xogħol:—**

| | |
|---|---|
| **Uffiċċju Ċentrali, il-Belt** | **22441 (7 linji) 24221 u 29086** |
| **B'Kara** ... ... ... ... | **44944** |
| **Bormla** ... ... ... ... | **26913** |
| **Ħamrun** ... ... ... ... | **23916** |
| **Balzan** ... ... ... ... | **47376** |
| **Marsa** ... ... ... ... | **23134** |
| **Mosta** ... ... ... ... | **491924** |
| **Msida** ... ... ... ... | **512509** |
| **Paola** ... ... ... ... | **605289** |
| **Qormi** ... ... ... ... | **45387** |
| **Rabat** ... ... ... ... | **674177** |
| **San Ġwann** ... ... ... | **38764** |
| **Sliema** ... ... ... ... | **30862** |
| **San Pawl il-Baħar** ... ... | **73247** |
| **Valletta** ... ... ... ... | **22441 24221 u 29086** |
| **Żabbar** ... ... ... ... | **882784** |
| **Żebbuġ** ... ... ... ... | **644166** |
| **Żejtun** ... ... ... ... | **897043** |
| **Żurrieq** ... ... ... ... | **820606** |
| **Nadur** ... ... ... ... | **76207** |
| **Victoria** ... ... ... ... | **76211 76091** |

DAWRA MAL-GŻEJJER

**Il-parti ta' l-istorja antika tal-Birgu hi meħuda mill-ktieb "Bliet u Rħula Maltin" ta' Alfie Guillaumier**

# IL-BIRGU

Il-Birgu jaħbat l-ewwel belt fil-Kottonera, u jinsab mibni fuq peninżola li qiegħda bejn daħlet Bormla u l-Kalkara. Fit-tarf ta' din il-peninżola hemm il-Forti Sant'Anġlu.

L-istorja ta' din il-belt hi kbira u taf tgħid ġrajjiet sa minn żmien il-Feniċi, ir-Rumani, l-Għarab, u fl-aħħar dawk ta' żmien l-Ordni. Sa minn żmenijiet ħafna qabel l-Ordni il-familja DE NAVA kellhom kastell (illum Sant'Anġlu) li kien magħruf bħala "Castrum Maris" jew kif aktar tard sar magħruf bħala "Castellamar". Jiġifieri, din l-art kienet tiddependi wisq minn dan il-kastell għaliex tista' tgħid il-bqija ftit ken hemm bini, u b'hekk issejjaħ Borgo .F'Castellamar kienu joqgħodu bosta nies u dawn kienu jikru mingħand il-Kastellan li bħala proprjetarju tal-Kastell magħmul mis-Sultan ma kellu x'jaqsam xejn ma' l-Università (Il-Gvern ta' dak iż-żmien).

Il-Birgu kellu mportanza kbira bħal ma għandha l-Belt Valletta llum. L-artijiet l-oħra ta' Bormla, l-Isla u l-Belt Valletta ma kienux għerja għal kollox billi 'l hawn u 'l hinn kont tara xi barrakki tal-baħħara, tal-barklori u tas-sajjieda, u dawn kienu jduru mal-Birgu sa ma jibqgħu sejrin u jduru l-port kollu sa Tarf el Għases (Sant Jermu).

Fl-1530 l-Ordni nġabret fil-Birgu billi qawwietha kienu fuq il-baħar u għalhekk l-Imdina ma kienitx tgħodd għaliha. Bil-mod il-mod, il-Birgu beda jifforma ruħu bil-bini ta' swar, djar u palazzi. Fl-1562 La Valette stabilixxa l-limiti tal-Collocchio, jiġifieri dik il-parti tal-belt li fiha għandhom jabitaw il-Kavallieri.

**Città Vittoriosa**

Din il-Belt li bilkemm kienet għadha magħluqa kollha bis-swar, fl-1565 ġarrbet l-eħrex esperjenza tal-gwerra meta rat taqbid sider ma' sider fil-misraħ tagħha. Wara t-tluq tat-Torok, saret festa f'San Lawrenz u Patri Robertu minn Eboli għamel priedka u semma lill-Birgu Città Vittoriosa u l-Isla Città Invicta.

**Il-Knisja ta' San Lawrenz**
**(Kolleġġjata u Matriċi Parroċċa)**

Din kienet l-ewwel waħda wara l-Kattidral li saret parroċċa u kienet twaqqfet mill-Isqof Gualtieri fl-1090, fi żmien il-Konti Ruggieru. Fl-1530 kienet saret il-Knisja Konventwali ta' l-Ordni u baqgħet sa Ottubru 1571, meta l-kunvent kollu ġie meħud fil-Belt Valletta. Il-kwadru ewlieni hu xogħol Mattia Preti.



*Il-Knisja ta' San Lawrenz*

**Palazzi u bini ieħor**

Fil-Birgu insibu wkoll il-Palazz ta' l-Inkwiżitur, l-Armerija, il-Palazz ta' l-Isqof, il-Palazz tal-Gvernatur u dak ta' l-Università.

Insibu wkoll għadd ta' Bereġ ta' l-Ordni kif ukoll għadd ta' djar, knejjes, oratorji u kunventi li kollha għandhom interess storiku kbir warajhom.

**Il-Victualling Yard (Tarzna)**

L-akbar medda tax-xatt ġewwieni tal-Birgu hu meħud minn serbut imħażen b'portiku magħluq mgħammar b'kull ħtieġa għall-flotta Ingliża. Dan il-lok kien il-Victualling Yard.

### L-Aħħar Gwerra

Fl-aħħar gwerra l-Birgu kien l-aktar post li ġie milqut mill-ħbit ta' l-għadu. B'xorti, bosta mid-djar antiki ħelsuha iżda oħrajn iġġarfu bħal famuż "Torri ta' l-Arloġġ". Minn dan it-Torri La Valette fl-1565 kien jara t-taqbid kollu ma' l-għedewwa.

### Popolazzjoni

Fl-1523 fil-Birgu kienu jgħixu madwar 5,000 ruħ. Il-popolazzjoni baqgħet tonqos u fl-1961 kienet tgħodd 4,276.

L-arma tal-Birgu hi skud, fond aħmar bi driegħ f'nofsu li jaħkem sejf arbulat imdawwar b'żewġ friegħi waħda taż-żebbuġ u l-oħra tal-palm. Il-motto hu: 'VICTRIX PALMAM FERO' (Rebbieħa, l-Palma nġib).

### Fortifikazzjonijiet

Quddiem il-bieb maġġur tal-Birgu insibu l-Mina l-oħra msejħa Admiralty Gate, li tagħti għax-xatt fejn kienet teżisti l-porvlista. Fuq ix-xellug kien hemm il-mina Cappuccini Gate. Għax-xatt tal-Kalkara hemm minfuda mina oħra, Sally Port li l-Maltin isejħulha t-Toqba li saret fl-1826.

### Il-Kastell Sant'Anġlu

Il-Kavallier Joseph Galea jgħid li dan l-isem hu aktarx ġej minn dak il-Ħakem, il-Konti Angelo de Melfi (1352) għalkemm fid-dokumenti jissejjaħ bħala "Castrum Maris" (Imdawwar bil-baħar). Il-Ħakem De Nava kien bena xi swar u sewwa oħrajn. Oriġinarjament kienu l-Għarab li bnew dan il-kastell fis-sena 870 Wara Kristu, li warajhom safa' il-Kwartier Ġenerali tal-Gvern Malti sakemm għadda f'idejn l-Ordni.

*Il-Kastell Sant'Anġlu.*



## XOGĦLIJIET ĠODDA FIL-BIRGU

**Fil-Birgu, dan l-aħħar, saru u qed isiru diversi xogħlijiet ta' siwi kbir għal-lokal. Infetħet triq li tgħaqqad il-Birgu max-xatt tal-Kalkara (ara r-ritratt fl-aħħar paġna). Ġew attrezzati l-imħażen tad-dgħajjes tar-regatta, u nbniet skola ġdida u ground tal-football fil-viċin.**

**Sadanittant, fil-ħidma kbira ta' żvilupp li qed issir fil-Kottonera, il-Birgu wkoll ser imissu s-sehem tiegħu:**

**Il-proġett tat-triq ġdida f'Bormla huwa maħsub ukoll biex iservi bħala mezz ta' aċċess għall-inħawi fil-qrib tal-Knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu fejn għad jista' jsir żvilupp jew użu ġdid tax-xatt li bħalissa għadu jintuża mis-servizzi Ingliżi.**



*(Fuq) L-imħażen tad-dgħajjes tar-Regatta u (taħt) Skola ġdida fil-viċin.*





▲ FTIT taż-żmien ilu infetħet triq li tgħaqqad il-Birgu max-xatt tal-Kalkara.

U PERMEZZ tal-proġett il-ġdid, ser issir triq ġdida li tgħaqqad il-Birgu max-xatt ta' Bormla. ▼



Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Stampat fl-U.Ċ.S. — Stamperija tal-Gvern